# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1069/2018 MH**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2019**

**Air Ambulance Malta Limited (C53405)**

**Vs**

**Personal Air Transport Limited (C65345)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] ta' l-atturi li gie prezentat fid-29 ta' Ottubru 2018 li permezz tieghu esponew:

***A. "DIKJARAZZJONI***

*1.* ***Illi*** *s-socjeta` konvenuta kienet originarjamnet debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, erba mija u disa u sebghin Ewro*

[1] Folio 1

*(€38,479.00) dovuti ghal zewg invoices, u cioe` invoice numru 27 fl-ammont ta' sittax il-elf, disa mija u erbgha u ghoxrin Euro (€16,924.00) u invoice 28 fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u hamsin Ewro (€21,555.00), liema invoices inhargu nhar il-25 ta' Marzu, 2016;*

*2. **Illi,** fl-istess waqt, is-socjeta`attrici Air Ambulance Malta Limited kienet debitrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' tmintax il-elf Ewro (€18,000) skont invoice numru 2016009 u datata 19 ta' Frar, 2016;*

*3. **Illi** z-zewg kumpanniji pacew invoice numru 27 li nharget mis-socjeta` attrici Air Ambulance Malta Limited ma' invoice numru 2016009 li nharget mis-socjeta` konvenuta, b'dan illi gie generat overpayment ta' €1,076.00 favur is-socjeta' attrici, b'dan illi s-socjeta` konvenuta talbet li jigi kkunsidrat downpayment ghall-invoice numru 28, biex b'hekk l-ammont dovut ghall-istess invoice gie ridott ghal ghoxrin elf, erbgha mija u disgha u sebghin Euro (€20,479.00);*

*4. **Illi** s-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta ffirmaw ftehim ("**il-Ftehim**") "Settlement Letter Debts/Credits" datat 26 ta' Settembru, 2016, li fih is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta ddikjaraw u accettaw li l-bilanc ta' dejn wara t-transazzjonijiet fuq surriferiti dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici kien fl-ammont ta' ghoxrin elf, erbgha mija u disgha u sebghin Ewro (€20,479.00) (kopja tal-Ftehim hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument "A");***

5. ***Illi,*** *eventwalment, nhar l-24 t'Ottubru, 2017, is-socjeta` konvenuta ghamlet pagament iehor ta' sebgha t'elef Euro (€7,000.00), biex b'hekk il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici gie ridott ghal €13,479,00;*

6. *Illi sussegwentement inhargu invoices ohra mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta biex b'hekk l-ammont finali dovut lis-socjeta attrici hu ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Euro (€23,629.00);*

7. ***Illi*** *dawn l-invoices huma s-segwenti:*

- *Invoice 061 ghall-ammont ta' € 3,115, liema invoice giet imhallsa nhar it-13 Marzu 2017 (annessa u mmarkata bhala* ***Dokument "B");*** *Invoice 066 ghall-ammont ta' € 4,235, liema invoice ghadha ma thallsitx (annessa u mmarkata bhala* ***Dokument "C"****) ;*
- *Invoice 058 ghall-ammont ta' € 3,675 , liema invoice ghadha ma thallsitx (annessa u mmarkata bhala* ***Dokument "D"****);*
- *Invoice 070 ghall-ammont ta' € 2,520, li thallset fil-15 ta' Frar, 2017, (annessa u mmarkata bhala* ***Dokument "E"****);*
- *Invoice 006 ghall-ammont ta' € 280, liema invoice ghadha ma thallsitx (annessa u mmarkata bhala* ***Dokument "F"****);*
- *Invoice 002 ghall-ammont ta' € 1,505, liema invoice ghadha ma thallsitx (annessa u mmarkata bhala* ***Dokument "G"****);*
- *Invoice 007 ghall-ammont ta' € 455, liema invoice ghadha ma thallsitx (annessa u mmarkata bhala* ***Dokument "H"****);*

*8. **Illi,** minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata biex thallas l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro (€23,629.00), is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha;*

*9. **Illi** s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro (€23,629.00) konsistenti f'bilanc ta' hlas ta' invoices rapprezentanti servizzi rezi ta' flight planning, liema ammont hu dovut lis-socjeta` attrici (statement datat 15 ta' Jannar, 2018 hawn anness u mmarkat bhala **Dokument "I"**);*

*10. **Illi** l-ammont dovut lis-socjeta` attrici huwa dejn cert, likwidu u dovut;*

***B. RAGUNI TAT-TALBA***

*11. **Illi** s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro (€23,629.00) dovut ghal servizzi rezi u rapprezentanti bilanc minn ammont akbar ta' tmienja u tletin elf, erba' mija u disgha u sebghin Ewro (€38,479.00), u li minkejja illi giet interpellata sabiex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet sa llum inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*12. **Illi** dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk jezistu l-elementi kollha preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex it-talbiet tas-socjeta` attrici jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, billi safejn taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet taghha;*

*13.* ***Illi*** *r-raprezentant tas-socjeta rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

## *C. TALBIET*

***Ghaldaqstant*** *is-socjeta` attrici, in vista tal-premess u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*i)* ***Tilqa'*** *t-talba tas-socjeta` attrici u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artiklu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*ii)* ***Tiddikjara*** *li s-socjeta` konvenuta bhala debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro (€23,629.00), liema ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut, u dan minghajr pregudizzju ghall-imghax dovut;*

*iii) Konsegwentement* ***tiddeciedi, tordna*** *u* ***tikkundanna*** *lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici dak l-ammont hekk likwidat ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro (€23,629.00) bilanc ta' hlas rapprezentanti servizzi ta' flight planning.*

*Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra gudizzjarja datata hdax (11) ta' Gunju, 2018, kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali mill-hdax (11) ta' Gunju 2018 sad-data tal-pagament effettiv."*

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija kawza preżentata bit-talba tad-dispensa tas-smiegħ ai terminu ta' l-artikolu 167 et. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura ta' pubblikazzjoni u ta' affisssjoni. Nonostante ċioe' l-istess konvenuta baqgħet ma ressqet ebda talba biex jikkombatti t-talba mressqa tad-dispensa tas-smiegħ.

Semgħet is-sottomissjonijiet

Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi tilqa t-talbiet kif dedotti u ċioe':

**Tiddikjara** li s-socjeta` konvenuta bhala debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro (€23,629.00), liema ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut, u dan minghajr pregudizzju ghall-imghax dovut;

Konsegwentement **tiddeciedi, tordna** u **tikkundanna** lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici dak l-ammont hekk likwidat ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro (€23,629.00) bilanc ta' ħlas rapprezentanti servizzi ta' flight planning.

Bl-ispejjeż, inkluż ta' l-ittra ġudizzjarja datata ħdax (11) ta' Ġunju, 2018, kontra s-soċjeta` konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni, u bl-imgħax legali mill-ħdax (11) ta' Ġunju 2018 sad-data tal-pagament effettiv."

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**